MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 58/2010

**Joseph Genovese**

***kontra***

**Mark Aquilina f'ismu propja u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali bl-isem Innovative Entertainment Ltd. C36032**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors guramentat presentat fil-21 ta' Jannar 2010 li jaqra hekk -

*1. Illi l-esponent jigestixxi d-ditta kummercjali 'Genaudio' minn Triq Bir ir-Riebu, Rabat ;*

*2. Illi l-konvenuti huma debitrici tal-esponent fis-somma ta' tlettax-il elf tmien mija wiehed u hamsin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€13,851.47) rapprezentanti l-*

*prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-esponent lill-konvenuti, u dan skond ma jirrizulta mill-invoices u statement hawn annessi u mmarkati bhala Dok. JG1 sa JG4 flimkien ma' l-interessi skond il-ligi u l-ispejjes legali u gudizzjarji inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 3609/2009 u tal-mandat kawtelatorju bin-numru 100/2010 ;*

*3. Illi minkejja diversi nterpellazjonijiet maghmula lill-konvenuti sabiex isir il-hlas relattiv, u sahansitra permezz ta' l-ittra ufficjali msemmija tad-9 ta' Lulju 2009, ir-rikorrenti baqghu inadempjenti ;*

*4. Illi l-ammont dovut mill-esponent lill-konvenuti hu dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-esponent, il-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jissollevaw kontra l-pagament tad-dejn imsemmi ;*

*5. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, u qed jigi hawn anness affidavit immarkat Dok JG5 a tenur ta' l-istess artikolu 167 ;*

*6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;*

*7. Illi l-fatti hawn dikjarati, l-esponent jafhom personalment.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa:*

*1. Tiddikjara illi l-intimati huma debitrici tal-esponent fis-somma ta' tlettax-il elf tmien mija wiehed u hamsin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€13,851.47) ;*

*2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu d-debitu msemmi flimkien mal-interessi bl-ghola rata permessa mil-ligi, bl-ispejjez legali nkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju bin-numru 100/2010 kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u d-dokumenti li kienu annessi mar-rikors guramentat.

**Rat** in-nota ts' sottomissjonijiet tal-konvenut pro et noe skond l-Art.170(1) tal-Kap.12 tal-5 ta' Frar 2010 (fol 13).

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-kawza tat-2 ta' Marzu 2010 (fol 15) fejn din il-Qorti tat lill-konvenut pro et noe ghoxrin jum zmien mid-data ta' dik l-udjenza sabiex jipprezenta r-risposta mahlufa tieghu wara li kienet sodisfatta li l-konvenut pro et noe kellu eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba attrici.
**Rat** li r-risposta mahlufa tal-konvenut pro et noe kienet prezentata fl-24 ta' Marzu 2010.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2010 fejn, wara talba mill-attur ghall-isfilz tar-risposta mahlufa tal-konvenut pro et noe stante li kienet prezentata tardivament, din il-Qorti ordnat l-isfilz tar-risposta mahlufa.

**Semghet u qieset** bir-reqqa l-provi tal-attur.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal dak il-jum stess.

**Ikkunsidrat –**

Il-provi tal-attur fil-kawza tal-lum kienu x-xhieda tal-attur innifsu u ta' Joannes Cassar flimkien ma' numru ta' dokumenti. Din il-Qorti trid tirrimarka mill-ewwel li l-provi tal-attur kienu diretti sabiex jistabilixxu li l-ammont pretiz kien dovut. Pero' kienu karenti fid-determinazzjoni ta' jekk id-debitu kienx personali tal-konvenut inkella tal-kumpannija konvenuta.

Jirrizulta li l-attur kien kommissjonat sabiex iforni u jistalla sistemi u apparat elettroniku viziv u tas-*sound* go hanut gestit mill-konvenut gewwa Paceville. Fix-xhieda tieghu, l-attur ma jidholx fil-kwistjoni ta' min ghamel l-ordni fis-sens li jghid li tkellem mal-konvenut Mark Aquilina mbaghad kien evasiv dwar min kien responsabbli ghall-hlas.

Jirrizulta li t-taghmir mertu ta' dan in-negozju kien debitament provdut mill-attur, istallat u saret anke l-*commissioning* tieghu. Is-servizzi rikjesti kienu urgenti u l-attur ghamel l-almu tieghu biex jaqdi lill-konvenut kif xtaq. U hekk jirrizulta li sar. Gew esebiti l-*invoices* li jikkontjenu d-dettalji tal-apparat fornit u l-prestazzjonijiet kif ukoll l-ispejjez. Mill-ammont globali dovut, thallsu akkonti izda l-bilanc baqa' mhux imhallas. Ma jirrizultax mix-xhieda tal-attur min hallas l-akkonti u cioe' kienx il-konvenut de proprio inkella nomine.

Jirrizulta anke mid-dokumenti esebiti li l-attur thabat mhux ftit sabiex jesigi l-hlas tal-ammont dovut qabel saret din il-kawza izda l-hlas tal-bilanc dovut baqa' pendenti. L-attur ikkonferma li qatt ma kien hemm lanjanzi da parti tal-konvenut ghall-prestazzjonijiet tieghu anzi dan tal-ahhar accetta li kien debitur tal-attur. Anke hawn mhux car jekk l-ammissjoni kenitx personali jew socjetarja. Il-kwistjoni jidher li kienet limitata biss ghall-fatt li l-konvenut kien ghaddej minn diffikultajiet finanzjarji u ma setax ihallas. Irrizulta li l-attur baqa' jissikka ghall-hlas minghajr success.

**Ikkunsidrat –**

Huwa evidenti mill-premessi u mit-talbiet li l-attur qed jippretendi li kemm il-konvenut personalment kif ukoll il-kumpannija konvenuta huma debituri tieghu. Ghal din il-Qorti dan l-approcc jimmanifesta ncertezza ghax del resto l-attur suppost li kien jaf ma' min kien qed jittratta.

Kull kaz ghandu l-fattispece partikolari tieghu. Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc **<u>"Cilia noe vs Scicluna"</u>** (K/FGC) tat-30 ta' April 1992 (Vol.LXXVI.IV.673) u **<u>"Bonnici noe vs Grima"</u>** (K/JDC)

tat-30 ta' April 1992 (Vol.LXXVI.IV.677) u tal-Qorti tal-Appell **"Caruana et vs Magro et"** tas-6 ta' Ottubru 1999, hija haga minn ewl id-dinja li *normalment* bniedem jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor.

Issa fil-kaz tal-lum huwa evidenti ghal din il-Qorti kemm minn dak li semghet kif ukoll mid-dokumenti esebiti li d-debitur tal-attur ma kienx il-konvenut personalment izda il-konvenut bhala rapprezentant tal-kumpannija konvenuta. Dan il-fatt jirrizulta bl-aktar mod car u inkonfutabbli mill-*invoices* DOK JG1 sa JG4 (a fol 5 sa 8 tal-process). L-erba' *invoices* hargu kontra Innovative Entertainment Ltd li hija kjarament indikata b'tipi hoxnin (*bold lettering*). Taht l-isem tal-kumpannija jidher isem il-konvenut evidentement izda bhala riferenza mhux ghax kien debitur. Veru li l-attur tkellem ma' Mark Aquilina pero' daqstant iehor huwa veru li d-debitur kienet il-kumpannija tant hu hekk li l-*invoices* hargu f'isimha.

Fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1999 fil-kawza **"Formosa et noe vs Felice"** il-Qorti tal-Appell kienet cara. Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta' haddiehor. Certi kazi huma ovvji, ohrajn mhumiex daqstant ovvji.

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta mill-kumpless tal-provi, partikolarment l-ghamla ta' servizz moghti, il-post fejn inghata s-servizz, u fuq kollox l-*invoices* ghall-hlas, li l-konvenut Mark Micallef ma ttrattax mal-attur fil-kwalita' personali tieghu izda f'isem il-kumpannija konvenuta, fatt accettat minghajr riservi mill-attur, tant li in partikolari l-*invoices* hargu f'isem il-kumpannija konvenuta. Il-kumpless tal-provi jnissel **din** ic-certezza morali f'mohh il-gudikant fuq bilanc ta' probabilitajiet.

**Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tilqa' l-ewwel talba tal-attur <u>limitatament</u> billi tiddikjara li l-kumpannija konvenuta Innovative Entertainment Ltd (C36032) hija debitrici wahedha tal-attur fl-ammont ta' tlettax-il elf tmien mija wiehed u hamsin Ewro sebgha u erbghin centezmu (€13,851.47).**

**Tilqa' t-tieni talba tal-attur <u>limitatament</u> billi tikkundanna lill-kumpannija konvenuta Innovative Entertainment Ltd (C36032) sabiex thallas wahedha lill-attur is-somma ta' tlettax-il elf tmien mija wiehed u hamsin Ewro sebgha u erbghin centezmu (€13,851.47) bl-imghax kummercjali, kalkolat fuq kull ammont indikat fl-*invoices* DOK JG1, DOK JG2 u DOK JG3 u b'effett mid-data ta' kull *invoice*.**

**Konsegwentement tillibera lill-konvenut Mark Aquilina fil-kwalita' personali tieghu mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta Innovative Entertainment Ltd (C36032) sabiex thallas wahedha l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------